Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Philip Caruana

Illum 3 ta' Mejju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Philip Caruana iben il-mejjet Philip u Maria nee Agius, imwieled Haz-Zebbug fil-21 ta' April, 1957 u ghandu karta tal-identita Nru. 318957(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-7 ta' Jannar, 1999 u matul is-snin precedenti bhala id-detentur tal-fond bl-isem Plot 8, "Carina", Triq il-Princep Baziliku Haz-Zebbug, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku, cioe' il-meter

installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku jew li bihom seta iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew kkonsmata kkommetta serq tal-Kurrent elettriku li l-valur tieghu jammonta ghal aktar minn LM100, izda inqas minn LM1,000, liema serq hu ggravat bil-mezz u valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Barra minn dan nakkuzah ukoll talli matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-imsemmi meter li tammonta ghal LM6 ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni volontarja tal-imputat debitament assistit ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-27 ta' April, 2001 meta kienu qed

isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi skond id-dokumenti illi gewipprezentati u illi jinsabu esebiti a fol. 11, 12 u 13 ta' dan il-process l-imputat fuq imsemmi hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta kemm tas-serq tad-dawl in kwistjoni, kif ukoll tal-hsarat illi ikkaguna fil-meter tad-dawl.

Effettivament is-Sur Silvio Decelis kien informa lill-imputat illi huwa kellu jhallas lill-Korporazzjoni EneMalta is-somma ta' LM175.89.0 liema ammont gie imhallas mill-imputat u fil-fatt inhargitlu ircevuta mill-Korporazzjoni EneMalta datata 7 ta' Jannar, 2000 fis-sens illi l-imputat kien hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta.

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 216(b) u (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 283 u 325(d) tal-Kap. 9 tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita li kellu, il-fatt illi huwa irrimborsa totalment l-ammont dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta, il-fatt illi ghandu fedina penali relattivament netta u ghaldaqstant ma tqisx illi f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deptutat Registratur